31994L0002

17.2.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 45/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 94/2/KE

tal-21 ta' Jannar 1994

li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum ta' enerġija tar-refriġeraturi u tal-*freezers* ta' l-elettriku tad-dar u ta' apparat bit-tnejn f'daqqa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE tat-22 ta' Settembru 1992 dwar l-indikazzjoni permezz ta' tikketti u informazzjoni *standard* tal-prodott dwar il-konsum ta' l-enerġija u riżorsi oħra ta' apparat domestiku [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 12 tagħha,

Billi taħt id-Direttiva 92/75/KEE il-Kummissjoni għandha tadotta direttiva ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' apparat domestiku li jinkludi refriġeraturi, *freezers* u ta' apparat bit-tnejn f'daqqa;

Billi l-użu ta' l-elettriku minn refrigeraturi u *freezers* jammonta għal parti sinnifikanti mid-domanda totali ta' l-elettriku tal-Komunità; billi l-għan għal tnaqqis fl-użu ta' l-enerġija minn dawn l-istrumenti huwa sostanzjali;

Billi *standard* tas-CEN (Kumitat Ewropew għall-Istandardizazzjoni) EN 153 jipprovdi metodu għall-kejl tal-konsum ta' l-enerġija ta' refriġeraturi u *freezers* u ta' apparat bit-tnejn f'daqqa;

Billi l-Komunità, waqt li tikkonferma l-interess tagħha f'sistema ta' standardizzazzjoni li tkun kapaċi tipproduċi *standards* li jintużaw tabilħaqq mill-isħab kollha f'kummerċ internazzjonali u li tkun kapaċi tissodisfa l-ħtiġiet tal-politika tal-Komunità, tistieden lill-organizzazzjonijiet ta' l-*istandards* Ewropej sabiex ikomplu fil-kooperazzjoni tagħhom ma' organizzazzjonijiet ta' *standards* internazzjonali;

Billi l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) huma l-korpi rikonnoxxuti bħala kompetenti sabiex jadottaw *standards* armonizzati skond il-linji ta' gwida ġenerali għal kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u dawk iż-żewġ korpi iffurmati nhar it-13 ta' Novembru 1984; billi, fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva, *standard* armonizzat huwa speċifikazzjoni teknika (Standard Ewropew jew dokument ta' armonizzazzjoni) adottat mis-CEN jew mis-Cenelec fuq il-bażi ta' eżenzjoni (mandat) mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li tistabbilixxi proċedura għall-forniment ta' informazzjoni fil-qasam ta' *standards* u regolamenti tekniċi [2], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/400/KEE [3], u fuq il-bażi ta' dawk il-linji ta' gwida ġenerali;

Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/75/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal *refriġeraturi*, armarji li fihom jiġi maħżun ikel iffriżat, *freezers* ta' l-ikel u apparat bit-tnejn f'daqqa li jintużaw fid-djar u li jaħdmu bl-elettriku. Apparat li jista' juża sorsi ta' enerġija oħra wkoll, bħalma huma l-batteriji, huwa esklużż.

2. L-informazzjoni meħtieġa b'din id-Direttiva għandha tiġi evalwata skond l-EN 153 ta' Mejju 1990 jew bi qbil ma' *standards* armonizzati, in-numri ta' referenza tagħhom li kienu ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u li għalihom l-Istati Membri ppubblikaw in-numri ta' referenza ta' l-*istandards* nazzjonali li jieħdu post dawk l-*istandards* armonizzati. Din l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-ħoss, fejn ikun applikabbli, għandha tiġi evalwata skond id-Direttiva tal-Kunsill 86/594/KEE [4].

3. L-*istandards* armonizzati imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu stabbiliti taħt mandat mill-Kummissjoni bi qbil mad-Direttiva 83/189/KEE.

[1] ĠU L 297, tat-13.10.1992, p. 16.

[2] ĠU L 109, tas-26.4.1983, p. 8.

[3] ĠU L 221, tas-6.8.1992, p. 55.

[4] ĠU L 344, tas-6.12.1986, p. 24.

4. 'Negozjant', 'fornitur', 'folja ta' informazzjoni', u 'informazzjoni addizzjonali' għandhom ikollhom it-tifsiriet stabbiliti fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 92/75/KEE.

Artikolu 2

1. Id-dokumentazzjoni teknika li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 92/75/KEE għandha tinkludi:

— l-isem u l-indirizz tal-fornitur,

— deskrizzjoni ġenerali ta' l-apparat, li tkun biżżejjed sabiex l-apparat jiġi identifikat,

— informazzjoni, li tinkludi disinni relevanti, dwar l-karatteristiċi tad-disinn prinċipali tal-mudell u f'punti partikolari li jaffettwaw mhux ħażin il-konsum ta' l-enerġija,

— rapporti ta' testijiet ta' teħid ta' kejl relevanti mwettqa taħt l-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Direttiva,

— struzzjonijiet ta' tħaddim, jekk addattat.

2. L-apparati koperti b'din id-Direttiva għandhom jiġu diviżi fil-'kategoriji' stabbiliti fl-Anness IV.

3. It-tikketta msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 92/75/KEE għandha tkun kif speċifikata fl-Anness I għal din id-Direttiva. Għandha titpoġġa fuq barra jew ta' l-apparat jew fuqu, b'tali mod li tkun tidher b'mod ċar, u ma tkunx mgħottija

4. Il-kontenut u l-format tal-*fiche* imsemmija fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 2(1) ta' Direttiva 92/75/KEE għandu jkun kif speċifikat fl-Anness II għal din id-Direttiva.

5. Fiċ-ċirkostanzi koperti bl-Artikolu 5 tad-Direttiva 92/75/KEE, u fejn l-offerta għal bejgħ, kiri jew xiri bin-nifs, tkun ipprovduta permezz ta' komunikazzjoni stampata, bħal katalogu ta' bejgħ bil-korrispondenza, allura dik il-komunikazzjoni stampata għandha tinkludi l-informazzjoni kollha speċifikata fl-Anness III għal din id-Direttiva.

6. Il-klassi ta' effiċjenza ta' enerġija ta' l-apparat għandha tkun kif speċifikata fl-Anness V.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-fornituri u negozjanti kollha stabbiliti fit-territorju tagħhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1994. Għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni bihom. Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 1995.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'riferenza bħal din mal-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test tal-miżuri prinċipali ta' liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Jannar 1994.

Għall-Kummissjoni

Abel MATUTES


Membru tal-Kummissjoni


L-ANNESS I


IT-TIKKETTA


Disinn tat-tikketta


1. It-tikketta għandha tkun bi qbil ma' l-illustrazzjonijiet li ġejjin:






Energía
Fabricante
Modelo
Logo
ABC
123
Más eficiente
A
B
C
D
E
F
G
B
Menos eficiente
Consumo de energía kWh/año
Sobre la base del resultado obtenido en 24 h. en condiciones de ensayo normalizadas
El consumo real depende de las condiciones de utilización del aparato y de su localización
XYZ
Volumen alimentos frescos l
Volumen alimentos congelados l
xyz
xyz
****
Ruido
dB(A) re 1 pW
xz
Ficha de información detallada en los folletos del producto
Norma EN 153, mayo 1990
Directiva 94/2/CE sobre etiquetado de refrigeradores



Energi
Mærke
Model
Logo
ABC
123
Lavt forbrug
A
B
C
D
E
F
G
B
Højt forbrug
Energiforbrug kWh/år
(På grundlag af standardtest)
XYZ
Det faktiske energiforbrug afhænger af, hvorledes apparatet benyttes, og hvor det anbringes
Rumfang af kølerum l
xyz
Rumfang af frostrum l
xyz
****
Lydeffektniveau
dB(A) (Støj)
xz
Brochurerne om produktet indeholder yderligere oplysninger
Standard EN 153 af maj 1990
Direktiv om energimærkning af kølemøbler 94/2/EF



Energie
Hersteller
Modell
Logo
ABC
123
Niedriger Verbrauch
A
B
C
D
E
F
G
B
Hoher Verbrauch
Energieverbrauch kWh/Jahr
(Auf der Grundlage von Ergebnissen der Normprüfung über 24 h)
Der tatsächliche Verbrauch hängt von der Nutzung und vom Standort des Geräts ab.
XYZ
Nutzinhalt Kühlteil l
Nutzinhalt Gefrierteil l
xyz
xyz
****
Geräusch
(dB(A) re 1 pW)
xz
Ein Datenblatt mit weiteren Geräteangaben ist in den Prospekten enthalten.
Norm EN 153, Ausgabe Mai 1990
Kühlgeräte-Richtlinie 94/2/EG


Ενέργεια
Κατασκευαστής
Μοντέλο
Logo
ABC
123
Αποδοτικό
A
B
C
D
E
F
G
B
Μη αποδοτικό
Χρήση ενέργειας kWh ανά έτος
Βάσει αποτελεσμάτων των πρότυπων δοκιμών επί 24ωρο
Η πραγματική κατανάλωση εξαρτάται από τον τρόπο χρήσεως και το σημείο που είναι τοποθετημένη η συσκευή
XYZ
Νωπές τροφές σε λίτρα
xyz
Κατεψυγμένες τροφές σε λίτρα
xyz
***
Θόρυβος
dB(A) ανά 1 pW
xz
Μια κάρτα με πληροφοριακές λεπτομέρειες
Προδιαγραφές του ΕΝ 153 Μαΐου 1990
Κοινοτική οδηγία προδιαγραφών 94/2/ΕΚ για ψυγεία


Énergie
Fabricant
Modèle
Logo
ABC
123
Économe
A
B
C
D
E
F
G
B
Peu économe
Consommation d'énergie kWh/an
Sur la base du résultat obtenu pour 24h dans des conditions d'essai normalisées
La consommation réelle dépend des conditions d'utilisation et de la localisation de l'appareil
XYZ
Capacité de denrées fraîches l
Capacité de denrées congelées l
xyz
xyz
****
Bruit
dB(A) re 1 pW
xz
Une fiche d'information détaillée figure dans la brochure
Norme EN 153, mai 1990. Directive 94/2/CE relative à l'étiquetage des réfrigérateurs


Energia
Costruttore
Modello
Logo
ABC
123
Bassi consumi
A
B
C
D
E
F
G
B
Alti consumi
Consumi di energia kWh/anno
In base ai risultati di prove standard per 24 ore
Il consumo effettivo dipende dal modo in cui l'apparecchio viene usato e dal posto in cui è situato
XYZ
Volume alimenti freschi l
Volume alimenti congelati l
xyz
xyz
****
Rumore
dB(A) re 1 pW
xz
Gli opuscoli illustrativi contengono una scheda particolareggiata
Norma EN 153 Maggio 1990
Direttiva 94/2/CE relativa all'etichettatura dei frigoriferi


Energie
Fabrikant
Model
Logo
ABC
123
Efficiënt
A
B
C
D
E
F
G
Inefficiënt
B
Energieverbruik kWh per jaar
Gebaseerd op de resultaten van een standaardtest gedurende 24 uur
Werkelijk verbruik wordt bepaald door de wijze waarop het apparaat wordt gebruikt en de plaats waar het staat
XYZ
Inhoud Koelruimte l
Inhoud Vriesruimte l
xyz
xyz
****
Geluidsniveau
dB(A) re 1 pW
xz
Een kaart met nadere gegevens is opgenomen in de brochures over het apparaat
Norm EN 153 mei 1990
Richtlijn Etikettering koelkasten 94/2/EG


Energia
Fabricante
Modelo
Logo
ABC
123
Eficiente
A
B
C
D
E
F
G
B
Ineficiente
Consumo de energia kWh/ano
Com base nos resultados do ensaio normalizado de 24h
O consumo real varia com as condições de utilização da máquina e com a sua localização
XYZ
Volume de alimentos frescos l
xyz
Volume de alimentos congelados l
xyz
****
Nível de ruído
dB(A) re 1 pW
xz
Ficha pormenorizada no folhet o do produto
Norma EN 153, Maio de 1990
Directiva 94/2/CE (Etiquetagem de aparelhos frigoríficos)

Noti dwar it-tikketta

2. In-noti li ġejjin jiddefinixxu l-informazzjoni li għandha tkun inkluża:

Nota:

I. Isem tal-fornitur jew marka tan-negozju.

II. Mezz ta' identifikazzjoni tal-mudell tal-fornitur.

III. Il-klassi ta' effiċjenza ta' enerġija ta' l-apparat għandha tiġi stabbilita bi qbil ma' l-Anness V. L-ittra l-addattata għandha titpoġġa fl-istess livell tal-vleġġa relevanti.

IV. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ħtiġiet taħt l-iskema ta' l-Eko-tikketta tal-Komunità, fejn apparat ikun ingħata 'premju ta' l-Eko-tikketta tal-Komunità' bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 880/92 [1], tista' titwaħħal ukoll kopja tal-marka ta' l-Eko-tikketta (il-fjura). Il-'gwida dwar id-disinn tat-tikketta tar-refrigerator/-freezer' li hemm referenza għaliha taħt, tfisser kif il-marka ta' premju-Eko, tista' tkun inkluża fit-tikketta.

V. Konsum ta' enerġija bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2) iżda mfissra f'kWh fis-sena (i.e għal 24 siegħa × 365).

VI. Total tal-volum nett ta' ħżin tal-kompartimenti kollha li ma jistħoqilhomx li jiġu stmati bi stilla (i.e. temperatura ta' tħaddim > - 6 °Ċ).

VII. Total tal-volum nett ta' ħżin tal-kompartimenti kollha ta' ħżin ta' ikel iffriżat li jistħoqilhom li jiġu stmati bi stilla (i.e. temperatura ta' tħaddim = - 6 °Ċ).

VIII. Stima bi stilla ta' kompartimenti ta' ħżin ta' ikel iffriżat, bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2). Fejn dan il-kompartiment ma jkunx jistħoqlu stilla, din il-pożizzjoni għanda titħalla vojta.

IX. Fejn ikun applikabbli, il-ħoss imkejjel skond id-Direttiva 86/594/KEE.


NB:

It-termini ekwivalenti f'lingwi oħra għal dawk deskritti fuq huma mogħtija fl-Anness VI.

[1] ĠU L 99, tal-11.4.1992, p. 1.

Stampar

3. Dan li ġej jiddefinixxi ċerti karatteristiċi tat-tikketta:



Kuluri wżati:

CMYK: cyan, maġenta, isfar, iswed.

Eżempju: 07X0: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.

Vleġeġ:

— A: X0X0,

— B: 70X0,

— C: 30X0,

— D: 00X0,

— E: 03X0,

— F: 07X0,

— G: 0XX0.

Kulur tal-profil X070.

Il-kliem kollu huwa miktub bl-iswed. L-isfond huwa abjad.

L-informazzjoni kollha dwar l-istampar tinsab fil-'Gwida tad-disinn tat-tikketta ta' refriġeratur/*freezer*' li tista' tinkiseb mingħand:

The Secretary of the Committee on Energy Labelling and Standard Product Information for Household Appliances

Directorate-General for Energy DG XVII,
Commission of the European Communities,
200 Rue de la Loi,
B-1049 Brussels.

L-ANNESS II

IL-FICHE

Il-fiche għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja. L-informazzjoni tista' tingħata fil-forma ta' tabella li tkopri numru ta' apparati fornuti mill-istess fornitur, f'liema każ għandha tingħata fl-ordni speċifikata, jew mogħtija fid-deskrizzjoni ta' l-apparat:

1. Isem tal-fornitur jew marka tan-negozju.

2. Mezz ta' identifikazzjoni tal-mudell tal-fornitur.

3. Tip ta' apparat kif ġej:

Kategorija	Deskrizzjoni fil-fiche
1	Larder fridge
2	Refriġeratur/*chiller*
3	Refriġeratur
4	Refriġeratur
5	Refriġeratur
6	Refriġeratur
7	Frigg/freezer
8	*Freezer* wieqfa
9	*Freezer* orizzontali (chest)
	Għal apparati tal-kategorija 10, il-fornitur jista' jagħżel id-deskrizzjoni tiegħu tat-tip ta' apparat.

4. Il-klassi ta' effiċjenza ta' enerġija tal-mudell kif iddefinit fl-Anness V, imfissra bħala 'Klassi ta' effiċjenza ta' l-enerġija... fuq skala minn A (l-aktar effiċjenti) sa G (l-inqas effiċjenti)'. Fejn din l-informazzjoni tkun ipprovduta f'forma ta' tabella din tista' tiġi mfissra permezz ta' mezzi oħra sakemm ikun ċar li l-iskala tkun minn A (l-aktar effiċjenti) sa G (l-inqas effiċjenti).

5. Fejn l-informazzjoni tingħata fil-forma ta' tabella, u fejn uħud mill-apparats elenkati fit-tabella jkunu ingħataw 'Premju ta' Eko-tikketta tal-Komunità' skond ir-Regolament (KEE) Nru 880/92, din l-informazzjoni tista' tiġi inkluża hawnhekk. F'dan il-każ l-intestatura tar-ringiela għandha tgħid 'Premju ta' Eko-tikketta tal-Komunità', u d-daħla għandha tkun magħmula minn kopja tal-marka tat-Eko-tikketta (il-fjura). Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ħtieġa taħt l-iskema premju ta' Eko-tikketta tal-Komunità.

6. Konsum ta' enerġija bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2) iżda mfissra f'kWh fis-sena (i.e għal 24 siegħa × 365), deskritt bħala: 'konsum ta' enerġija XYZ kWh fis-sena, ibbażat fuq riżultati ta' test *standard* għal 24 siegħa. Konsum propju ta' enerġija jiddependi fuq kif jiġi wżat l-apparat u fuq il-post ta' tqegħid tiegħu.'

7. Volum nett ta' ħżin ta' kompartiment ta' ħżin ta' ikel frisk (5 °Ċ) bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2) – għajr għal klassijiet 8 u 9.

8. Volum nett ta' ħżin ta' kompartiment ta' ħżin ta' ikel iffriżat, bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2) – għajr ta' klassijiet 1, 2 u 3. Għal apparat ta' klassi 3 il-volum nett tal-kaxxa tas-silġ'.

7 u 8. Għal klassijiet 2 u 10 il-volum nett ta' kull kompartiment għandu jiġi elenkat, skond l-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 1(2).

9. Stima bi stilla ta' kompartimenti ta' ħżin ta' ikel iffriżat, jekk addattat, bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2).

10. It-tismija 'no frost' ('bla ġlata') tista' tiġi nkluża hawnhekk meta tkun bi qbil mad-definizzjonijiet mogħtija fl-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 1(2).

11. 'Power cut safe Z hours' iddefinita bħala 'ħin li fih togħla t-temperatura' bi qbil ma' *standards* imsemmija fl-Artikolu 1(2).

12. 'Kapaċità ta' friża' f'kg/24 s bi qbil ma' l-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 1(2).

13. 'Klassi ta' klima' bi qbil ma' l-*istandards* imsemmija fl-Artikolu 1(2) Fejn apparat ikun ta' klassi ta' klima 'moderata' dan jista' jitħalla barra.

14. Fejn ikun applikabbli 'ħoss', imkejjel skond id-Direttiva 86/594/KEE.

Fejn apparat ikun fih kompartimenti għajr kompartiment waħdieni ta' ikel frisk u kompartiment waħdieni ta' ikel iffriżat, jistgħu jiġu miżjuda linji oħra f'7, 8, 9, 10, 11, 12 u 13 sabiex jinkludu l-informazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kompartimenti. F'dan il-każ l-isem u l-ordni ta' elenkar tal-kompartimenti għandhom ikunu konsistenti. Fejn it-temperatura mfassla ta' kompartiment ma tikkonformax mas-sistema ta' stima bi stilla, jew it-temperatura *standard* tal-kompartiment ta' ikel frisk (5 °Ċ), din it-temperatura mfassla għandha tiġi ddikjarata.

L-informazzjoni fuq it-tikketta tista' tingħata fil-forma ta' kopja tat-tikketta, jew bil-kulur jew abjad u iswed. F'dan il-każ l-informazzjoni addizzjonali mogħtija biss fuq il-fiche xorta waħda għandha tiġi inkluża.

Nota:

It-termini ekwivalenti f'lingwi oħra għal dawk deskritti fuq huma mogħtija fl-Anness VI.

L-ANNESS III

BEJGĦ B'KORRISPONDENZA U BEJGĦ B'DISTANZA IEĦOR

Katalgi ta' bejgħ b'korrispondenza u komunikazzjonijiet stampati oħra imsemmija fl-Artikolu 2(4) ta' din id-Direttiva għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja, mogħtija fl-ordni speċifikata:

1. Klassi ta' effiċjenza ta' l-enerġija (l-Anness II, punt 3)
2. Il-konsum ta' enerġija (l-Anness II, punt 6)
3. Volum nett tal-kompartiment ta' ikel frisk (l-Anness II, punt 7)
4. Volum nett tal-kompartiment ta' ikel iffriżat (l-Anness II, punt 8)
5. Stima bi stilla (l-Anness II, punt 9)
6. Ħoss (l-Anness II, punt 14)

Fejn tkun ipprovduta informazzjoni oħra li tkun tinsab fil-fiche ta' l-informazzjoni tal-prodott, din għandha tkun fil-forma ddefinita fl-Anness II u għandha tiġi nkluża fit-tabella ta' fuq fl-ordni speċifikata għall-fiche.

Id-daqs u t-tipa, li bihom tkun stampata l-informazzjoni kollha li hemm referenza għaliha fuq, għandha tkun tinqara.

Nota:

It-termini ekwivalenti f'lingwi oħra għal dawk deskritti fuq huma mogħtija fl-Anness VI.

L-ANNESS IV

KATEGORIJI

L-apparats koperti b'din id-Direttiva għandhom jiġu diviżi fil-'kategoriji' li ġejjin:

1. Refriġeraturi li jintużaw fid-djar, mingħajr kompartimenti ta' temperatura baxxa.
2. Refriġeraturi/*chillers* li jintużaw fid-djar, b'kompartimenti f'5°Ċ u/jew 10°Ċ.
3. Refriġeraturi li jintużaw fid-djar, b'kompartimenti ta' temperatura baxxa mingħajr stilla.
4. Refriġeraturi li jintużaw fid-djar, b'kompartimenti ta' temperatura baxxa *.
5. Refriġeraturi li jintużaw fid-djar, b'kompartimenti ta' temperatura baxxa **.
6. Refriġeraturi li jintużaw fid-djar, b'kompartimenti ta' temperatura baxxa ***.
7. Refriġeraturi/*freezers* li jintużaw fid-djar, b'kompartimenti ta' temperatura baxxa *(***).
8. *Freezers* ta' l-ikel li jintużaw fid-djar, wieqfin.
9. *Freezers* ta' l-ikel li jintużaw fid-djar, orizzontali (chest).
10. Refriġeraturi u *freezers* li jintużaw fid-djar b'aktar minn żewġ bibien, jew apparat ieħor mhux kopert fuq.

L-ANNESS V

KLASSI TA' EFFIĊJENZA TA' ENERĠIJA

Il-klassi ta' effiċjenza ta' enerġija ta' apparat għandha tiġi stabbilita bi qbil mat-Tabella I li ġejja:

TABELLA 1

Indiċi ta' effiċjenza ta' enerġija	Klassi ta' effiċjenza ta' enerġija
I < 55	A
55 ≤ I < 75	B
75 ≤ I < 90	C
90 ≤ I < 100	D
100 ≤ I < 100	E
110 ≤ I < 125	F
125 ≤ I	G

Fejn:

'indiċi ta' effiċjenza ta' enerġija' (imfisser bħala persentaġġ) = konsum ta' enerġija fis-sena ta' l-apparat/konsum ([1]) ta' enerġija fis-sena *standard* ta' l-apparat

'konsum ta' enerġija fis-sena *standard* ta' l-apparat' (imfissra f'kWh/sena) = M × volum nett aġġustat + N

u

volum nett aġġustat (imfisser f'litri) = volum nett ta' kompartiment ta' ikel frisk + ' × volum nett ta' kompartiment ta' ikel iffriżat.

Il-valuri M, N u ' huma meħuda mit-Tabella 2.

([1]) Bi qbil ma' l-Anness I, nota V.

TABELLA 2

Klassi ta' *appliance*	Ω	M	N
1 *Larder fridge*	—	0,233	245
2 Refriġeratur/*chiller*	0,75 (1)	0,233	245
3 Refriġeratur minghajr stilla	1,25	0,233	245
4 Refriġeratur *	1,55	0,643	191
5 Refriġeratur **	1,85	0,450	245
6 Refriġeratur***	2,15	0,657	235
7 Frigg/*freezer* * (***)	(3)	0,777	303
8 *Freezer* wieqfa	2,15 (2)	0,472	286
9 *Freezer* orizzontali (*chest*)	2,15 (2)	0,446	181
10 Apparati b'aktar minn bieba waħda jew apparati oħra	(3)	(4)	(4)

(1) Ghal refriġeratur/chiller il-volum aggustat = volum nett ta' kompartiment ta' ikel frisk + Ω x volum nett tal- kompartiment tac-chiller (10 °C) (imfisser f'litri).

(2) Ghal apparati bla glata kif iddefinit fl-Anness II punt 10, dan l-Anness jigi miżjud b'fattur proviżorju ta' 1,2, li jaghti valur ta' 2,58. (Dan jiehu hsieb tax-xaqliba li jista' jkun hemm tal-metodu ta' kejl, li ma jahsibx ghan-nuqqas ta' silġ li jitrabba fuq apparati 'no frost'. F'użu prattiku silġ li jitrabba sejjer iżid b'xi ammont il-konsum ta' apparati 'konvenzjonali'.)

(3) Volum nett aġġustat AV jiġi maħdum bil-formula:

$$AV = \sum \frac{(25 - T_C)}{20} \times V_C \times F_C$$

il-kompartimenti kollha

Fejn TC hija t-temperatura mfassla (f°C) ta' kull kompartiment, VC huwa l-volum nett (f'litri) ta' kull kompartiment u FC huwa fattur li huwa daqs 1,2 għal kompartimenti 'no frost' u 1 għal kompartimenti oħra.

(4) Ghal dawn l-apparati il-valuri M u N jigu stabbiliti bit-temperatura u star rating tal-kompartiment bl-inqas temperatura, kif segwit:

TABELLA 3

Temperatura ta' l-iktar kompartiment kiesah	Klassi Ekwivalenti	M	N
> - 6 ° C	1/2/3 *Larder fridge*/refriġeratur bla stilla/refriġeratur *chiller*	0,233	245
≤ - 6 ° C *	4 Refriġeratur *	0,643	191
≤ -12° C **	5 Refriġeratur **	0,450	245
≤ -18° C ***	6 Refriġeratur ***	0,657	235
≤ -18° C * (***) b'kapacità ta' friża	7 Refriġeratur *(***)	0,777	303

L-ANNESS VI

TRADUZZJONIJIET TA' TERMINI LI GHANDHOM JINTUŻAW FUQ TIKKETTA U FUQ *FICHE*

L-ekwivalenti f'lingwi ohra tal-Komunità tat-termini bl-Ingliż moghtija fuq huma kif gej:

Nota			ES	DA	DE	EL	EN	FR	IT	NL	PT
Tikketta	Fiche	Mail order									
Anness I	Anness II	Anness III									
☒			Energía	Energi	Energie	Ενέργεια	Energy	Énergie	Energia	Energie	Energia
I			Fabricante	Mærke	Hersteller	Κατασκευαστής	Manufacturer	Fabricant	Costruttore	Fabrikant	Fabricante
II			Modelo	Model	Modell	Μοντέλο	Model	Modèle	Modello	Model	Modelo
☒			Más eficiente	Lavt forbrug	Niedriger Verbrauch	Αποδοτικό	More efficient	Économe	Bassi consumi	Efficiënt	Eficiente
☒			Menos eficiente	Højt forbrug	Hoher Verbrauch	Μη αποδοτικό	Less efficient	Peu économe	Alti consumi	Inefficiënt	Ineficiente
	3 kategorija 1		Frigorífico sin compartimento de baja temperatura	Køleskab uden frostboks	Kühlgerät	Ψυγείο/αποθηκευτής τροφών	Larder fridge	Réfrigérateur sans compartiment à basse température	Frigorifero senza scomparti a bassa temperature	Koelkast zonder vriesvak	Frigorífico sem compartimento de baixa temperatura
	kategorija 2		Frigorífico -bodega	Køle-svaleskab	Gerät mit Kühlfach/Kellerfach	Ψυγείο/θάλαμος ταχείας ψύξεως	Refrigerator/chiller	Réfrigérateur avec compartiment de rafraîchissement	Frigorifero con scomparti cantina	Koel-kelderkast	Frigorífico-garrafeira
	Kategorija 3 sa 6		Frigorífico	Køleskab	Kühlgerät	Ψυγείο	Refrigerator	Réfrigérateur	Frigorifero	Koelkast met vriesvak	Frigorífico
	kategorija 7		Frigorífico -congelador	Køleskab/Fryser	Kühl-Gefrierkombination	Ψυγείο/καταψύκτης	Fridge/freezer	Réfrigérateur/-congélateur	Frigo/Congelatore	Koel-vrieskast	Frigorífico/congelador
	kategorija 8		Congelador vertical	Fryseskab	Gefrierschrank	Καταψύκτης κατακόρυφου τύπου	Upright freezer	Congélateur armoire	Congelatore verticale	Diepvrieskast	Congelador vertical
	kategorija 9		Congelador tipo arcón	Kummefryser	Gefriertruhe	Καταψύκτης οριζόντιου τύπου	Chest freezer	Congélateur coffre	Congelatore orizzontale	Diepvrieskist	Congelador horizontal (arca)

Nota			ES	DA	DE	EL	EN	FR	IT	NL	PT
Tikketta	Fiche	Mail order									
Anness I	Anness II	Anness III									
	5	1	Clase de eficiencia energética... en una escala que abarca de A (mas eficiente) a G (menos eficiente)	Relativt energiforbrug... på skalaen A (lavt forbrug) til G (højt forbrug)	Energieeffizienz-klasse... auf einer Skala von A (niedriger Verbrauch) bis G (hoher Verbrauch)	Τάξη ενεργειακής απόδοσης... σε μια κλίμακα από το A (αποδοτικό) έως το G (μη αποδοτικό)	Energy efficiency class... on a scale of A (more efficient) to G (less efficient)	Classement selon son efficacité énergétique... sur une échelle allant de A (économe) à G (peu conome)	Classe di efficienza energetica... su una scala da A (bassi consumi) a G (alti consumi)	Energie-efficiëntieklasse... op een schaal van A (efficiënt) tot G (inefficiënt)	Classe de eficiência energética... numa escala de A (eficiente) a G (ineficiente)
V	6	2	Consumo de energía	Energiforbrug	Energieverbrauch	Χρήση ενέργειας	Energy consumption	Consommation d'énergie	Consumo di energia	Energieverbruik	Consumo de energia
V	6	2	kWh/año	kWh/år	kWh/Jahr	kWh ανά έτος	kWh per year	kWh par an	kWh/anno	kWh per jaar	kWh/ano
V	6	2	Sobre la base del resultado obtenido en 24 h en condiciones de ensayo normalizadas	På grundlag af tandardtest	Auf der Grundlage von Ergebnissen der Normprüfung über 24 h	Βάσει αποτελεσμάτων των πρότυπων δοκιμών επί 24ωρο	Based on standard test results for 24 h	Sur la base du résultat obtenu pour 24 h dans des conditions d'essai normalisées	In base ai risultati di prove standard per 24 ore	Gebaseerd op de resultaten van een standaardtest gedurende 24 uur	Com base nos resultados do ensaio normalizado de 24 h
	6	2	El consume real depende de las condiciones de utilización del aparato y de su localización	Det faktiske energiforbrug afhænger af, hvorledes apparatet benyttes, og hvor det anbringes	Der tatsächliche Verbrauch hängt von der Nutzung und vom Standort des Geräts ab	Η πραγματική κατανάλωση εξαρτάται από τον τρόπο χρήσεως και το σημείο που είναι τοποθετημένη η συσκευή	Actual consumption will depend on how the appliance is used and where it is located	La consommation réelle dépend des conditions d'utilisation et de la localisation de l'appareil	Il consumo effettivo dipende dal modo in cui l'apparecchio viene usato e dal posto in cui è situato	Werkelijk verbruik wordt bepaald door de wijze waarop het apparaat wordt gebruikt en de plaats waar het staat	O consumo real varia com as condições de utilização do aparelho e com a sua localização
VII	7	3	Volumen alimentos frescos 1	Rumfang af kølerum 1	Nutzinhalt Kühlteil 1	Νωπές τροφές σε λίτρα	Fresh food volume 1	Capacité de denrées fraiches 1	Scomparto alimenti freschi 1	Inhoud koelruimte 1	Volume de alimentos fescos l
VIII	8	4	Volumen alimentos congelados 1	Rumfang af frostrum 1	Nutzinhalt Gefrierteil 1	Κατεψυγμένες τροφές σε λίτρα	Frozen food volume 1	Capacité de denrées congelées 1	Scomparto alimenti congelati 1	Inhoud vriesruimte 1	Volume de alimentos congelados 1
	10		Sin escarcha	Frostfri	No frost	Αυτόματη απόψυξη	No frost	Froid ventilé	Tipo ventilato (Frost free)	Zelfontdooiend	Frio ventilado

Nota			ES	DA	DE	EL	EN	FR	IT	NL	PT
Tikketta	Fiche	Mail order									
Anness I	Anness II	Anness III									
	11		Autonomía...h	Sikkerhed ved strømafbrydelse... t	Lagerzeit bei Störung... h	Αυτονομία σε ώρες	Powercut safe... h	Autonomie de... h	Autonomia di conservazione senza energia elettrica... h	Conserveringsduur bij stroomuitval... uur	Autonomia...h
	12		Capacidad de congelación kg/24 h	Indfrysningskapacitet kg/24 h	Gefriervermögen kg/24 h	Ψυκτική ισχύς (Kg/24o)Qo)	Freezing capacity kg/24 h	Charge (en kg/24 h)	Potere di congelamento Kg/24 h	Vriesvermogen Kg/24 uur	Capacidade de congelação kg/24 horas
	13				subnormal	Κάτω της ηπίας	Sub-normal				
	13		Templado	tempereret	normal	Ήπια	Temperate	Tempéré	Temperata	Gematigd	Temperada
	13		Subtropical	subtropisk	subtropisch	Υποτροπική	Subtropical	Subtropical	Subtropicale	Subtropisch	Subtropical
	13		Tropical	tropisk	tropisch	Τροπική	Tropical	Tropical	Tropicale	Tropisch	Tropical
IX	14	6	Ruido [dB(A) re 1 pW]	Lydeffektniveau dB(A) (Støj)	Geräusch (dB(A) re 1 pW)	Θόρυβος (dB(A) ανά 1 pW)	Noise (dB(A) re 1 pW)	Bruit [dB(A) re 1 pW]	Rumore dB(A) relpW	Geluidsniveau dB(A) re 1 pW	Nível de ruído dB(A) re 1 pW
☒			Ficha de información detallada en los folietos del producto	Brochurerne om produktet indeholder yderligere oplysninger	Ein Datenblatt mit weiteren Geräteangaben ist in den Prospekten enthalten	Μια κάρτα με πληροφοριακές λεπτομέρειες Περιλαμβάνεται στο φυλλάδιο	Further information is contained in product brochures	Une fiche d'information détaillée figure dans la brochure	Gli opuscoli illustrativi contengono una scheda particolareggiata	Een kaart met nadere gegevens is opgenomen in de brochures over het apparaat	Ficha porme-norizada em folheto do produto
☒			Norma EN 153 mayo 1990	Standard: EN 153 af maj 1990	Norm EN 153 Ausgabe Mai 1990	Προδιαγραφές του EN 153 Μαίου 90	Norm EN 153 May 1990	Norme EN 153, mai 1990	Norma EN 153 Maggio 1990	Norm EN 153 mei 1990	Norma EN 153, Maio de 1990
☒			Directive sobre etiquetado de refrigeradores 94/2/CE	Direktiv om energimærkning af kølemøbler 94/2/EF	Kühlgeräte-Richtlinie 94/2/EG	Κοινοτική οδηγία προδια γραφών 94/2/ΕΚ για ψυγεία	Refrigerator Label Directive 94/2/EC	Directive 94/2/CE relative à l'étiquetage des réfrigérateurs	Direttiva 94/2/CE relativa all'etichettatura dei frigoriferi	Richtlijn Etikettering koelkasten 94/2/EG	Directiva 94/2/CE relativa à etiquetagem de aparelhos frigoríficos